MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tas-16 ta' Diċembru, 2022

Appell Inferjuri Numru 38/2022 LM

**Khatia Pipia (Karta tar-Residenza nru. 225367A)**
*('l-appellata')*

***vs.***

**Id-Direttur tad-Dipartiment taċ-Ċittadinanza u l-Affarijiet tal-Espatrijati u l-Aġenzija Identita' Malta**
*('l-appellati')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mill-appellanta **Khatia Pipia (Karta tar-Residenza nru. 225367A)** [minn issa 'l quddiem 'l-appellanta'] mid-deċiżjoni tas-16 ta' April, 2022, [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni appellata'] mogħtija

mill-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni [minn issa ’l quddiem ‘il-Bord’], li permezz tagħha ċaħad l-appell tagħha fil-konfront tal-appellata **Identity Malta Agency** [minn issa ’l quddiem ‘l-Aġenzija appellata’] għar-raġunijiet hemm imfissra.

## Fatti

2. Il-fatti tal-każ odjern jirrigwardaw applikazzjoni li saret fis-27 ta’ Mejju, 2021 mal-Aġenzija appellata min-naħa tal-appellanta, sabiex binha minuri Aleksi Pipia, li hija kienet ġabet hawn Malta għall-ħabta ta’ Mejju 2021, jingħata permess ta’ residenza bħala membru tal-familja tagħha, bil-għan li jibqa’ jirrisjedi u jibda jattendi skola hawn Malta. Dak iż-żmien l-imsemmija appellanta, li hija *single mother,* kienet ilha tirrisjedi u taħdem hawn Malta għal madwar sentejn taħt Permess Uniku. L-appellata caħdet it-talba tal-appellanta permezz tad-deċiżjoni tagħha tal-20 ta’ Lulju, 2021. Ir-raġuni li ngħatat kienet li l-applikazzjoni tagħha kienet inammissibbli għaliex ma tottemporax ruħha mal-kundizzjonijiet tal-*IMA policy for Family Members,* li taħtha kienet taqa’ l-imsemmija applikazzjoni, peress li l-appellanta kienet naqset milli turi li hija kellha riżorsi sufficjenti sabiex tleħħaq mal-*‘current living costs’*.

## Mertu

3. L-appellanta istitwiet proċeduri ta’ appell quddiem il-Bord fil-21 ta’ Lulju, 2021 għar-revoka ta’ din id-deċiżjoni tal-appellata.

## Id-deċiżjoni appellata

4. Il-Bord wasal għad-deċiżjoni appellata wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"1. __Preliminary__*

*The Board:*

*Saw the decision issued by Identity Malta Agency on 20th July 2021 by means of which the relative application for a residence permit on the grounds of family reunification (S.L. 217.06) was rejected for the following reason: "*...the application has failed to prove that you have sufficient resources to meet the current living costs in Malta"*;*

*Saw the appeal registered on 21st July 2021;*

*Saw that Identity Malta Agency filed no reply;*

*Examined all the submissions filed.*

***__Submissions filed, evidence produced and considerations__***

*The Board observed that when the appeal was filed, the receipt issued instructed the parties to submit any further documentation within fifteen days. At the outset, the Board declares that although it is not legally bound to hold sittings, Art. 3(2) of the Administrative Justice Act (Chapter 490 of the Laws of Malta) stipulates that amongst the principle which this Board, amongst other bodies, is bound to uphold, is the principle of equality of arms. The Board refers to the judgment of the Court of Appeal* ***__Edwin Zarb et vs Gilbert Spiteri et__*** *(decided on 6th February 2015) in which it was held that the principle* audi alteram partem *does not necessarily mean that the parties must be physically heard but that they must be given sufficient time to present the evidence they wish to present. It is up to the court (or in this case, the Board) to decide what should be done in the interest of justice.*

*The Agency's decision stated that the relative application was deemed inadmissible as it did not satisfy the conditions stipulated in the Agency's published policy relative to family reunification applications.The Board disagrees. If an application were inadmissible, the Agency would simply not have processed the application in the first place. Once the application was processed such that the Agency examined the application and its supporting documentation to the extent that it calculated that the*

*relative application fell short of the minimum acceptable income threshold on the sponsor's part, it should have stated that* se mai, *the application was admissible but nonetheless rejected on substantive grounds.*

*The Board observed that the appeal was devoid of mathematical calculations which indicate how the sponsor considered she had sufficient means. Rather, the sponsor chose to focus on human rights matters and on the best interests of the child.*

*In relation to human rights, the Board observes that such matters should be raised before the appropriate court, not before this Board.*

*Insofar as the best interests of the child are concerned, the Board observes that the best interests of children are hardly served by allowing such children to come to Malta to live with their parent or parents when and if the parents earn an abysmally low wage. Family reunification does not mean that such reunification should take place at the cost of relegating families to abject proverty.*

*As the Agency filed no reply to the appeal, the Board does not know on what basis it came to its conclusions. There is no information on the mathematical calculations which led the Agency to conclude that Khatia Pipia's income was not sufficient to guarantee a decent standard of living for her and for her minor son.*

*Ms Khatia Pipia submitted a contract of employment which indicates that from 15th August 2020 onward, she was employed by Strike Limited on a contract of indefinite duration with a basic gross salary of €12,480 per annum.*

*Having seen this contract, the Board now turns to the e-mail sent by the sponsor to this Board's secretariat on 21st July 2021. In that e-mail, she said,* inter alia:

*"*I brought my underage son to Malta 2 months ago. I have been living here for 2 years with residence/work permit. I am a single mother and I tried to apply documents for my son to Identity Malta to get the residence permit so he can apply for school and start living here with me legally but my application got rejected and I have no reason. One of the reasons stated my income that I have no sufficient funds to keep my son here but i have engough and more than it is mentioned as minimum."

*With respect, the Board states that earning more than the minimum does not necessarily mean that one earns enough.*

*She also submitted payslips which indicated her earnings as follows;*

- *Net pay for November 2020 - €919.98*
- *Net pay for December 2020 - €988.77*
- *Net pay for January 2021 - €901.98*

- *Net pay for April 2021 - €900.98*
- *Net pay for June 2021 - €1,016.08*

*Ms Pipia also submitted documentation which seems to indicate that at several points between 2019 and 2021, she sent funds outside Malta, presumably to her home country, Georgia.*

*Having seen these documents, the Board cannot, in good conscience, accept the appeal, knowing that a mother and her son would have to live in Malta solely on the mother's wage, which according to the relative contract, amounts to €12,480 yearly. Such an amount is clearly insufficient.*

*It is certainly not in the child's best interests to have to survive in Malta solely on his mother's low wages. Had there been another parent in employment or had the mother's wages been higher, it would have been a different matter altogether. However, based on the documentation provided, the Board cannot see that the mother has any other sources of income and accordingly, must reject the appeal."*

## L-Appell

5. L-appellanta ntavolat ir-rikors tal-appell tagħha fil-konfront tal-appellata **Identity Malta Agency** u anki fil-konfront tad-**Direttur taċ-Ċittadinanza u l-Affarijiet tal-Espatrijati** [minn issa 'l quddiem 'id-Direttur appellat' u flimkien 'l-appellati'] fis-26 ta' April, 2022, fejn qegħda titlob lil din il-Qorti sabiex tirrevoka u tannulla d-deċiżjoni appellata billi tilqa' it-talbiet tagħha u l-appell odjern fl-intier tiegħu, filwaqt li tibgħat lura l-atti lill-Bord sabiex jgħaddi għad-deċiżjoni tiegħu wara li jisma' lill-partijiet u x-xhieda neċessarja. Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellati. Tgħid li l-aggravji tagħha huma dawn: (a) il-Bord naqas milli jikkunsidra li ċ-ċirkostanzi tagħha u ta' impjegati oħra fil-qasam tat-turiżmu nbidlu minn sena 'l hawn; (b) hija ser tkun kostretta tinfired minn ma' binha; (ċ) id-deċiżjoni appellata tikser id-dritt fundamentali tal-bniedem għall-

edukazzjoni; u (d) il-Bord naqas milli jagħmel apprezzament tajjeb u xieraq tal-provi esebiti.

6. L-appellati wieġbu fid-9 ta' Mejju, 2022, fejn filwaqt li jikkontendu li d-Direttur tad-Dipartiment taċ-Ċittadinanza u l-Affarijiet tal-Espatrijati ma kellux jiġi mħarrek fil-proċeduri odjerni, huma talbu lil din il-Qorti sabiex tikkonferma d-deċiżjoni appellata għar-raġunijiet imfissra fir-risposta tagħhom.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

7. Il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkonsidra l-aggravji tal-appellanta fid-dawl ta' dak li ġie deċiż mill-Bord, u dan meħudin in konsiderazzjoni s-sottomissjonijiet magħmulin mill-appellati. Iżda qabel xejn ser tikkunsidra l-ewwel sottomissjoni ppreżentata mill-appellati li tirrigwarda l-*locus standi* tad-Direttur appellat fil-proċeduri odjerni. Huma jsostnu li l-imsemmi Direttur appellat ma kellux jiġi mħarrek hawn għaliex il-L.S. 595.05 [il-korretta hija L.S. 595.07] *ossia* l-'Ordni li Jwaqqaf l-Aġenzija Identità Malta', tagħmel ċar li hija l-Aġenzija appellata li għandha twettaq il-funzjonijiet u d-dmirijiet tal-amministrazzjoni pubblika fir-rigward ta' permessi ta' residenza, permessi ta' xogħol u affarijiet amministrattivi oħra li għandhom x'jaqsmu mal-barranin. Jirrrilevaw ukoll li l-appell quddiem il-Bord kien sar mill-appellanta għan-nom ta' binha minuri fil-konfront tal-Aġenzija appellata. Filwaqt li jagħmlu riferiment għall-artikolu 144 tal-Kap. 12, l-appellati jissottomettu li skont prinċipju bażiku tal-proċedura, appell ma jistax isir kontra persuna jew entità li ma tkunx parti fil-proċeduri ġudizzjarji tal-ewwel istanza. Il-Qorti tgħid li l-appellati għandhom raġun. Tikkunsidra li l-appellata kienet istitwiet il-proċeduri odjerni fil-konfront

tal-Aġenzija appellata, u għalhekk l-appell tagħha ma setax isir mod ieħor. Lanqas tista' din il-Qorti tippermetti li l-appellanta tintroduċi partijiet oħra, stante li skont id-dispożizzjonijiet tal-aritkolu 961 tal-Kap. 12, dan huwa permess biss fl-ewwel grad u qabel is-sentenza finali. Għaldaqstant il-Qorti tiddikjara li d-Direttur appellat għandu jinħeles mill-osservanza tal-ġudizzju, u għalhekk ser tikkunsidra s-sottomissjonijiet tal-appellati bħala ppreżentati mill-Aġenzija appellata waħedha.

8. *L-ewwel aggravju* tal-appellanta jittratta r-raġuni ewlenija għaċ-ċaħda tal-applikazzjoni tagħha mal-appellata. Tispjega li ċ-ċirkostanzi tagħha u dawk ta' impjegati oħra fil-qasam tat-turiżmu nbidlu ferm minn sena 'l hawn, u dan għaliex sena ilu huma kienu qegħdin jirċievu biss il-*Government Covid Grant,* iżda llum hija qegħda tirċievi paga normali. Tgħid li madankollu l-Bord naqas milli jikkunsidra dan. L-appellanta tispjega li minn meta r-ristoranti reġgħu fetħu, hija qegħda taqla' biżżejjed sabiex tilħaq il-paga medja u anki l-20% l-oħra rikjesta mil-liġi. Tissottometti li dan kollu hija tista' tippruvah, anki permezz tal-prinċipal tagħha, u dan filwaqt li tagħmel riferiment għall-affidavit tiegħu u għall-aħħar *payslips* li annettiet mar-rikors tagħha bħala Dok. B. L-appellanta tikkontendi li għalhekk il-Qorti m'għandhiex ikollha dubju li l-appellati naqsu milli jaġixxu b'mod raġonevoli u li s-sitwazzjoni tagħha hija waħda unika u straordinarja, iżda dan kollu jidher li l-appellati u anki l-Bord naqsu milli jikkunsidrawh.

*It-tieni aggravju* tal-appellanta huwa li ser ikun hemm implikazzjonijiet u riperkussjonijiet riżultat tal-firda tagħha minn ma' binha. Hija tagħmel riferiment għall-artikolu 32 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u għall-Artikolu 8 tal-

Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u tissottometti li jekk din il-Qorti tiċħad l-appell tagħha, ser tkun qegħda tmur kontra l-ispirtu tal-liġi u tal-prinċipji fundamentali tad-drittijiet tal-bniedem, għaliex ser taċċetta li tifel ta' sebgħa snin jiġi deportat minn Malta u mifrud minn m'ommu bijoloġika. Tgħid li din il-firda mingħajr dubju ser twassal għal trawma insormontabbli u ħsara psikoloġika li ser jibqa' ibati minnha binha ħajtu kollha, u dan għall-kuntrarju ta' kif iddeċieda l-Bord, li huwa fl-interess tal-istess minuri. L-appellanta tagħlaq is-sottomissjonijiet tagħha dwar dan l-aggravju billi tagħmel riferiment għas-sentenza fl-ismijiet **R vs McClue**.

Dwar *it-tielet aggravju* tagħha, l-appellanta tissottometti li dan jikkonċerna ksur tad-dritt fundamentali għall-edukazzjoni, u filwaqt li tiċċita s-subartikolu 11(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, issostni li bla dubju d-deċiżjoni appellata tikkostitwixxi ksur flagranti tad-dritt fundamentali tal-bniedem għall-edukazzjoni. L-appellanta tilmenta wkoll li d-deċiżjoni appellata hija waħda diskriminatorja għaliex binha ser jiġi miżmum milli jkompli jattendi l-iskola abbażi tal-opinjoni tal-appellati li hemm nuqqas ta' finanzi sostenibbli għal dan il-għan. B'riferiment għal Dok. C anness mar-rikors tagħha, l-appellanta tispjega li binha ilu jattendi skola hawn Malta għal aktar minn sena u jagħraf lil Malta bħala l-post ta' residenza tiegħu. Tkompli tgħid li huwa jaf iħaddem il-lingwa Maltija u dik Ingliża wkoll, u saħansitra sejjer tajjeb ħafna l-iskola. L-appellanta tikkontendi li d-deċiżjoni tal-Bord ser iżżommu milli jkompli jagħmel progress edukattiv, u għalhekk għandha tiġi mħassra stante li dawn ir-realtajiet ma ġewx indirizzati mill-Bord.

*Ir-raba' aggravju* tal-appellanta jirrigwarda l-allegat nuqqas ta' apprezzament tajjeb u xieraq mill-Bord tal-provi esebiti. Issostni li jekk din il-Qorti tikkonferma d-deċiżjoni appellata, ser jinħoloq preċedent perikoluż billi tkun qegħda taċċetta u tinkoraġġixxi s-separazzjoni ta' ulied mill-ġenituri naturali tagħhom. Tgħid li huwa inspjegabbli kif il-Bord iddeċieda li ma kienx fl-interess tal-minuri li dan jibqa' joqgħod ma' ommu hawn Malta. L-appellanta tirrileva li salv għall-prova dwar il-finanzi fl-eqqel tal-pandemija, ma kien hemm l-ebda prova li jeżistu problemi ulterjuri, u tikkontendi li l-Bord kellu jikkunsidra ċ-ċirkostanzi partikolari tagħha qabel ma jiddeċiedi li jifred lil tifel ta' sebgħa snin minn m'ommu.

9. L-Aġenzija appellata tirrileva li l-liġi li tirregola d-dħul u r-residenza ta' familjari ta' membri li jkunu ċittadini ta' pajjiżi terzi għal skop ta' rijunifikazzjoni tal-familja, hija l-L.S. 217.06 intestata 'Regolamenti dwar ir-Rijunifikazzjoni tal-Familji', u li timplimenta d-disposizzjonijiet tad-Direttiva tal-Unjoni Ewropea 2003/86/KE fuq id-dritt għar-rijunifikazzjoni tal-familja. Tissottometti li kemm ir-Regolamenti, imma anki d-Direttiva, għalkemm intiżi sabiex iżommu sħiħa l-familja, ma jagħtux dritt awtomatiku. Għall-kuntrarju, dawn jimponu numru ta' kundizzjonijiet li għandhom jiġu sodisfatti sabiex tintlaqa' l-applikazzjoni, u l-iskop tagħhom huwa li jiġi salvagwardjat il-livell tal-għajxien tal-persuni ġejjin minn pajjiżi terzi sabiex dawn ma jispiċċawx f'riskju ta' faqar u ta' piż fuq il-pajjiż fejn joħolqu kundizzjonijiet soċjali mhux mixtieqa. Tispjega li fejn il-garanti ma jkunx jikkwalifika sabiex l-applikazzjoni tiegħu tiġi kkunsidrata taħt l-imsemmija Regolament, l-applikazzjoni għal rijunifikazzjoni tal-familja tiegħu tista' tiġi pproċessata skont il-kriterji stabbiliti minnha permezz tal-*'Policy on family members of third country nationals who do not qualify for family reunification*

*by means of the Family Reunification Regulations S.L. 217.06'*. Tkompli tispjega li l-iskop ta' din il-*policy* huwa li sa fejn possibbli, tiġi preżervata l-unità tal-familja u fl-istess ħin, dik il-familja jkollha livell ta' għajxien diċenti. L-Aġenzija appellata tirrileva li fl-applikazzjoni li kienet ippreżentat l-appellanta għan-nom ta' binha, hija kellha tindika jekk tikkwalifikax għar-rijunifikazzjoni tal-familja taħt il-L.S. 217.06, iżda il-kaxxa fejn kellha tagħmel din l-indikazzjoni baqgħet vojta. B'hekk l-Aġenzija appellata tgħid li hija kienet ġiet kostretta li tipproċessa l-applikazzjoni *ai termini* tal-*policy* suriferita. Tispjega li hija kienet sejset id-deċiżjoni tagħha fuq eżerċizzju fattwali ta' eżami tad-dokumenti li kienet ipprovdiet l-appellanta. Tgħid li minn dawn id-dokumenti irriżulta li din għandha dħul sħiħ annwali ta' €12,480, li ma jissodisfax l-*median wage,* wisq anqas il-kundizzjoni ta' 20% tal-imsemmija *median wage* meħtieġa għal kull membru tal-familja li l-garanti japplika sabiex jingħaqdu miegħu. B'hekk l-applikazzjoni kienet inammissibbli. L-Aġenzija appellata tirrileva li skont il-kuntratt tal-appellanta mehmuż mal-applikazzjoni kif datata 15 ta' Awwissu, 2020, hemm indikat li l-appellanta hija mpjegata minn Strike Limited bħala *waitress* fuq bażi *full-time* għal perijodu indefinit b'remunerazzjoni ta' €12,480.00 fis-sena. Tgħid li hawn ma sar l-ebda riferiment għas-sitwazzjoni tal-COVID, u l-*payslips* ippreżentati mal-applikazzjoni kienu jikkonfermaw li l-appellanta kienet taqla' €1,039.98 fix-xahar jew €12,480 fis-sena, jiġifieri l-ammont sħiħ dovut lilha skont il-kuntratt tal-impjieg. L-Aġenzija appellata tikkontendi li hija tista' tagħmel evalwazzjoni biss ta' dawk id-dokumenti ppreżentati mal-applikazzjoni partikolari, u fil-każ odjern kien irriżulta li l-appellanta ma kellhiex il-mezzi finanzjarji meħtieġa biex tkun tista' tmantni lilha nnifisha u lil binha hawn Malta. Dwar *it-tieni u r-raba' aggravju*, l-Aġenzija appellata tissottometti li l-

appellanta hawn qegħda tappella għas-'sentimentaliżmu', għaliex ħadd ma sforza lill-appellanta tiġi hawn Malta, u ħadd ma kien ser iżommha milli titlaq. Tikkontendi li l-appellanta hija issa libera li tiddeċiedi dak li huwa fl-aħjar interessi tagħha u ta' binha. L-Aġenzija appellata ttenni għal darb'oħra li d-Direttiva u anki r-Regolamenti ma jagħtu l-ebda jedd awtomatiku għar-rijunifikazzjoni tal-familja, u jipprovdu għal numru ta' kundizzjonijiet li l-applikant għandu jissodisfa sabiex l-applikazzjoni tiegħu tiġi milqugħa. Tissottometti li dawn il-kundizzjonijiet huma ntiżi sabiex fost oħrajn, jitħares il-livell tal-għajxien ta' dawk il-persuni li jkunu ġejjin minn pajjiżi terzi sabiex dawn ma jispiċċawx f'riskju ta' faqar. L-Aġenzija appellata tgħid li l-appellanta taf sew li l-paga annwali tagħha ta' €12,480 skont il-kuntratt ta' impjieg tagħha, ma tissodisfax il-kriterji stabbiliti permezz tal-imsemmija Regolamenti u l-*policy.* Tikkontendi li skont il-provi, seta' kien hemm bidla fil-kundizzjonijiet tal-impjieg tal-appellanta, iżda meta hija kienet issottomettiet l-applikazzjoni tagħha ma kinitx tissodisfa l-kriterji tal-liġi u tal-*policy,* u għaldaqstant id-deċiżjoni tal-Aġenzija appellata kienet korretta, kif kienet ukoll korretta d-deċiżjoni appellata. L-Aġenzija appellata tgħid li minn kalkolu matematiku kien jirriżulta li l-appellanta ma tissodisfax il-kriterji tal-L.S. 217.06, billi l-paga tagħha ma kinitx tilħaq il-paga medja li fl-2020 kienet ta' €18,660, u wisq inqas kellha għoxrin fil-mija (20%) addizzjonali għal binha. Filwaqt li l-Aġenzija appellata tagħmel riferiment għal dak li jipprovdi l-para (d) tar-regolament 12 tal-L.S. 217.06, tgħid li magħdud l-ammont tal-paga medja flimkien ma' 20% tagħha, dan kien iwassal għal €22,392.00, jiġifieri €9,912 iktar mid-dħul ta' €12,480 iddikjarat fil-kuntratt tal-impjieg tal-appellanta datat 15 ta' Awwissu, 2020. L-Aġenzija appellata filwaqt li tagħmel riferiment għal Dok. IMA 5 anness mar-

risposta tagħha, tirrileva li skont l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika l-*average wage* fl-2020 kienet ta' €18,660, filwaqt li l-*median wage* li għaliha tagħmel riferiment il-*policy* kienet ta' €15,354 skont dokument ippubblikat mill-istess Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika, li kopja tiegħu l-imsemmija Agenzija appellata annettiet mar-risposta bħala Dok. IMA 6. Tgħid li meħud dan l-aħħar ammont u miżjud l-20% tiegħu, ir-riżultat kien ta' €18,424.80 *ossia* €5,944.80 iktar mid-dħul ta' €12,480 dikjarat fil-kuntratt ta' impjieg tal-appellanta datat 15 ta' Awwissu, 2020. Għalhekk din naqset milli tissodisfa l-kriterji tal-imsemmija *policy.* L-Aġenzija appellata tikkontendi li kuntrarjament għal dak li qegħda ssostni l-appellanta, li ser jinħoloq preċedent perikoluż jekk tintlaqa' id-deċiżjoni appellata, stante li tkun qegħda tiġi mħeġġa s-separazzjoni ta' ulied mill-ġenituri naturali tagħhom, ikun ser jinħoloq preċedent perikoluż jekk jintlaqa' l-appell tagħha, għaliex b'hekk ikun qed jintbagħat messaġġ li l-kriterji tar-Regolamenti huma superfluwi. Dan imbagħad iwassal sabiex persuni ġejjin minn pajjiżi terzi jispiċċaw f'riskju li jgħixu fil-faqar, b'mod li jkunu ta' piż fuq pajjiżna, u joħolqu kundizzjonijiet soċjali li mhumiex mixtieqa. L-Aġenzija appellata hawn tagħmel riferiment għal darb'oħra għal Dok. IMA 6, u tinsisti li skont l-istess dokument, l-appellanta u binha kienu ser ikunu jgħixu fil-faqar li kieku hija aċċettat l-applikazzjoni għar-rijunifikazzjoni tal-familja. Għal dak li jirrigwarda t-*tielet aggravju*, l-Aġenzija appellata tirrileva li din il-Qorti mhijiex il-*forum* kompetenti sabiex tiddeċiedi dwar dan l-ilment tal-appellanta. Dwar il-mertu ta' dan l-aggravju, tgħid li fi kwalunkwe każ il-minuri kien tħalla jattendi l-iskola kif jirriżulta mill-ittra tal-prinċipal ta' St. Clare College ta' San Ġwann Primary annessa mar-rikors tal-appellanta.

10. Il-Qorti tosserva li wara li l-Bord ħa in konsiderazzjoni l-*payslips* ippreżentati mill-appellanta għax-xhur ta' Novembru u Diċembru 2020, u ta' Jannar, April u Ġunju tal-2021, u anki kkonstata mid-dokumentazzjoni ppreżentata, li hija kienet diversi drabi ttrasferiet xi flus barra minn Malta, preżumibbilment għall-pajjiż tagħha l-Georgia, iddikjara li huwa ma setax jaċċetta l-appell tagħha għaliex ikkunsidra li l-omm u binha kienu ser ikollhom jgħixu hawn Malta bil-paga tal-omm, li skont il-kuntratt ta' impjieg tagħha kienet ta' €12,480 fis-sena. Fid-dawl ta' dawn il-konstatazzjonijiet, il-Bord stqarr li dan l-ammont ma kienx biżżejjed u ċertament ma kienx fl-aħjar interessi tal-wild li jgħix hawn Malta fuq il-paga baxxa li kienet tirċievi ommu. Għalhekk iddeċieda jiċħad l-appell tal-appellanta.

11. Il-Qorti tibda billi tikkunsidra t-tieni u t-tielet aggravji tal-appellanta, fejn dawn jolqtu l-allegat ksur tad-drittijiet fundamentali. Tgħid li kwistjonijiet bħal dawn jistgħu biss jitressqu quddiem dawk qrati oħra li għandhom is-setgħa li jittrattaw u jiddeċiedu dawn il-kwistjonijiet, liema setgħa hija mogħtija lilhom mill-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni. Għaldaqstant il-Qorti ser tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-ilmenti ta' ksur tad-drittijiet fundamentali li qegħda tressaq l-appellanta quddiemha, stante li din il-Qorti m'għandhiex il-kompetenza sabiex tittratta l-imsemmija lmenti.

12. Il-Qorti tifhem li l-paga tal-appellanta, kif din kienet qegħda tirċeviha fiż-żmien li hija ppreżentat l-applikazzjoni tagħha lill-Aġenzija appellata, ma kinitx tilħaq il-paga medja rikjesta mil-liġi, jew kif stipulata fil-*policy,* u ċertament ma kinitx tkopri wkoll il-20% rikjest fir-rigward ta' kull membru tal-familja. Dwar dan tgħid m'hemm l-ebda dubju u l-appellanta m'għandhiex raġun tikkontendi

l-kuntrarju. Iżda l-Qorti qegħda tieħu in konsiderazzjoni li llum, kif jirriżulta mill-affidavit ta' Massimo Eminyan u mill-kopja tal-*payslips* esebiti, il-paga annwali mill-impjieg tagħha mas-soċjetà Strike Ltd tlaħħaq ftit iktar minn €14,400.00 (taxxi u bolol imnaqqsa), jiġifieri ftit inqas mill-paga sħiħa medja. Barra minn hekk, tikkunsidra li jekk qabel l-appellanta kellha d-dover li tibgħat xi flus lura lejn pajjiżha sabiex tmantni lil binha, dan mhux ser ikun aktar neċessarju ġaladarba binha ser ikun jgħix magħha. Tikkunsidra wkoll li għalkemm ma jirriżultax li hija kienet qegħda titħallas biss il-benefiċċji provduti mill-Gvern waqt il-pandemija tal-COVID, jirriżulta madankollu li l-paga tagħha minn dak iż-żmien 'il hawn tjiebet, u dan jista' ikun għaliex il-qagħda finanzjarja tal-prinċipal tagħha tjiebet hekk kif bdew jitneħħew id-diversi miżuri meħuda waqt il-pandemija, inkluż l-għeluq tal-postijiet ta' divertiment u ristoranti. Iżżid tgħid li wieħed ma jistax jeskludi l-possibilità li l-paga tagħha tista' saħansitra tiżdied fil-futur. Barra minn hekk, il-fatt li skont ix-xhud fuq imsemmi, l-appellanta ilha taħdem mas-soċjetà Strike Ltd sa minn Settembru 2019 fuq bażi *full-time,* fejn qatt ma kellha problemi mal-prinċipal tagħha, u wriet dedikazzjoni lejn ix-xogħol tagħha, ma tantx jagħti x'wieħed jifhem li ser tispiċċa tistrieħ fuq il-benefiċċji soċjali għall-għajxien tagħha u ta' binha.

13. Il-Qorti tqis ukoll dak li jipprovdi għalih ir-regolament 10 tal-L.S. 217.06, li meta tiġi eżaminata l-applikazzjoni għandu jittieħed in konsiderazzjoni x'inhuma l-aħjar interessi tat-tfal minuri. Dan ifisser li l-leġislatur xtaq li kull applikazzjoni għandha titqies skont iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, u għalhekk il-Qorti tagħraf li l-Aġenzija appellata hawn ingħatat ċerta diskrezzjoni, iżda fejn għandha tqis qabel xejn l-interessi tat-tfal minuri. Hawn ċertament ma tidħol xejn il-kwistjoni ta' 'sentimentaliżmu' kif timplika l-Aġenzija appellata, meta l-

appellanta tinsisti fuq dak li kellu jiġi kkunsidrat qabel kollox. Għalhekk tgħid li l-Bord kellu jikkunsidra kemm il-possibilità ta’ diffikultajiet finanzjarji li tista’ issib ruħha fihom l-appellanta flimkien ma’ binha jekk iżżommu hawn Malta magħha, iżda wkoll ta’ importanza xejn inqas li dan m’għandux jgħix separat minn ommu f’pajjiż ieħor ’il bogħod mill-uniku ġenitur tiegħu.

14. Fid-dawl ta’ dawn il-konsiderazzjonijiet kollha, il-Qorti tqis li għajr għall-ilmenti dwar ksur ta’ drittijiet fundamentali, li diġà l-Qorti ddikjarat li ser tastjeni milli tittrattahom, l-aggravji tal-appellanta huma ġustifikati u tilqagħhom.

## Decide

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti (i) tiddikjara li d-Direttur appellat għandu jinħeles mill-osservanza tal-ġudizzju; (ii) tiċħad it-talba (b) tal-appellanta; (iii) tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-ilmenti ta’ ksur tad-drittijiet fundamentali magħmula mill-appellanta; (iv) tilqa’ il-kumplament tal-appell tagħha; u (v) tħassar id-deċiżjoni appellata u anki d-deċiżjoni tal-Aġenzija appellata, filwaqt li tibgħat lura l-atti lill-Bord sabiex jgħaddi għad-deċiżjoni tiegħu wara li jieħu konjizzjoni tal-konsiderazzjonijiet magħmula f’din is-sentenza.**

**Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-Aġenzija appellata.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**